**21 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony McKay

*versus*

Antonia Incorvaja *pro et noe*

**Riappuntament ta' Kawża – Smigħ – *Audi Alteram Partem* – Nullità ta' Sentenza**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex l-avviż tar-riappuntament għas-smigħ qatt ma ġie nnotifikat.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih, l-attur, wara li ppremetta illi kkonsenja f'idejn

il-konvenuta *proprio et nomine* par fili tad-deheb tal-valur ta' mija ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm145) skond riċevuta hemm annessa u mmarkata Dok. A u li talab lura dawn il-fili jew il-prezz tagħhom iżda din irrifjutat *li tagħmel* dan talab lil dik il-Qorti *tikkundanna* lill-konvenuta *proprio et nomine* li tagħti lura l-par fili tad-deheb li l-attur ikkonsenja lilha billi tibgħathomlu jew tħallas il-valur tagħhom ta' mija ħamsa u erbgħin lira middata *tal-konsenja (sic) u ċjoè mit-8 ta'* Jannar, 1985, bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' April, 1985 kontra l-konvenuta *proprio et nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta *proprio et nomine* li biha eċċepiet illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-konvenuta kellha *negozji* oħra ma' l-attur *li jikkomprendu* l-azzjoni *tal-lum*, li *però ma* jistgħux jiġu distakkati a konvenjenza ta' l-attur;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Diċembru, 1986, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur u għalhekk tat lill-konvenuta fil-kwalità premessa ħmistax (15)-il ġurnata żmien biex tirritorna l-par fili tad-deheb *imsemmija fiċ-ċitazzjoni* u fin-nuqqas ikkundannat lill-konvenuta fl-istess kwalità tagħha premessa s-somma ta' Lm145 rappresentanti prezz ta' l-istess *(sic)*, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta *proprio et nomine* ppreżentata fil-11 ta' Diċembru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenuta *proprio et nomine* ppreżentata *fis-17 ta'* Diċembru, 1986, li biha għar-

raġunijiet hemm esposti talbet li din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza tat-3 ta' *Diċembru, 1986, billi tordna li l-inkartament* tal-kawża jiġi rinvjat quddiem l-ewwel Qorti sabiex jinstemgħu l-provi kollha skond il-liġi, bl-ispejjeż kontra l-attur appellat;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Il-konvenuta appellanti qiegħda tissottometti *li* r-riappuntament tal-kawża preżenti, wara li kienet marret *sine die,* qatt ma ġie nnotifikat lilha u kwindi hija ma kellhiex l-opportunità li ttella' l-provi tagħha u l-kawża ġiet deċiża in vjolazzjoni tal-prinċipju bażilari ta' l-"*audi alteram partem*";

Minn eżami tal-proċess jirriżulta li fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar, 1986 quddiem l-ewwel Qorti (fol. 8) ingħad hekk: "Billi din il-kawża qed tistenna l-eżistu ta' kawża oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, il-Qorti tiddifferixxi din il-kawża *sine die,* riappuntabbli b'talba verbali kif appena tinqata' l-kawża l-oħra";

Jidher imbagħad li in segwitu b'rikors tat-3 ta' Marzu, 1986 l-attur talab lill-ewwel Qorti biex tirriappunta l-kawża għas-smigħ u eventwali deċiżjoni. Jirriżulta li ngħata digriet fuq dan ir-rikors fis-6 ta' Marzu, 1986 fis-sens li l-kawża kienet qiegħda tiġi riappuntata għas-16 ta' Mejju, 1986;

Fil-proċess imbagħad jinstab li hemm a fol. 10 formula ta' l-"avviż ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ", liema formula hija debitament mimlija u li turi li l-kawża preżenti kienet reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għas-16 ta' Mejju, 1986 fid-9 a.m.

Dan l-avviż però la qatt ġie ffirmat kif soltu jsir mid-Deputat Reġistratur u lanqas qatt ma ġie nnotifikat lill-konvenuta appellanti *proprio et nomine*, li ma tidhirx li qatt dehret u tat ruħha b'notifikata b'dak l-avviż. Huwa ovvju għalhekk li l-proċeduri kollha li saru wara r-riappuntament huma nulli billi saru fl-assenza tal-konvenuta mhux notifikata u *di più* hija nulla s-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara s-sentenza appellata irrita u nulla u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom fiċ-ċirkostanzi jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.